**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 85, 325(c) u 340(d) tal- Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**SAVIOUR VELLA**
**(K.I. Nru. 487966M)**

**Illum, 2 ta' Marzu 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SAVIOUR VELLA,** iben il-mejjet Emanuel u Grace nee' Vella, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Novembru, 1966 u residenti gewwa 'Villa Liverbois' Triq il-Pluviera, il-Mellieha u detenur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 487966(M) gie akkuzat:

Talli nhar il-5 ta' Jannar 2008 ghal habta ta' 21:20 gewwa triq il-Mosta, Lija u inhawi ohra f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, (bollards), ghad-dannu ta' Giovanni

Camilleri u/jew S&S Bathrooms ta' Triq il-Mosta Lija u/jew terzi persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax- il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47):

Talli nhar it-12 ta' Gunju 2008 ghal habta ta' 18:06 kif ukoll fix-xhur ta' qabel fi Triq il-Mosta, Lija u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara skond il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor billi qala' u ddistrugga sinjali ta' 'No Parking', minghajr m'ghandu l-ebda dritt li jaghmel dan.

Talli nhar it-12 ta' Gunju, 2008 ghal habta ta' 18:06 fi Triq il-Mosta, Lija u inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, 'No Parking Signs', ghad-dannu ta' Giovanni Camilleri u/jew S&S Bathrooms ta' Triq il-Mosta Lija u/jew terzi persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sitta-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma jkun izjed tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Aktar talli fit-12 ta' Gunju, 2008 ghal habta ta' 18:06 fi triq il-Mosta, Lija u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' ta' haddiehor cioe' tas-sid Giovanni Camilleri u/jew S&S Bathrooms Triq il-Mosta Lija u/jew terzi persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Giovanni Camilleri taht l-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali mmarkata Dok KF1, estratt mill-att tat-twelid mmarkat Dok KF2 u l-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 13 ta' Awwissu 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 7 Dok KF3).

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-Artikolu 370(4) u 390 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-2 ta' Settembru 2008.

Semghet lill-allura Spettur **Kevin J Farrugia** jixhed fit-2 ta' Settembru, 2008. Dana spjega illi nhar il-5 ta' Jannar 2008 il-Pulizija ta' Birkirkara kienet giet infurmata dwar xi hsara li kienet grat gewwa S&S Bathrooms li jinsab gewwa l-Mosta Road, Lija. Qal illi dan ir-rapport ghamlu Giovanni Camilleri li qal li huwa sid tal-istess kumpanija. Gie rapportat li Camilleri kien sab il-*bollards* ta' quddiem is-showroom tieghu imkissra. Camilleri ssuspetta fl-imputat Saviour Vella, li x-xhud gharfu bhala l-imputat fl-Awla, u dan Camilleri qal lix-xhud li l-imputat kellu l-problemi mieghu tant li hemm kawza civili pendenti bejnithom. Tenna illi kien gie ipprezentat CCTV camera fejn dehret vettura tal-mobile hierga minn fuq il-post cioe' l-vettura M66 kif ukoll dehret il-vettura Pick up fl-akwati.

Jghid illi hu minn nahha tieghu kien kellem lil min kien b'dik il-vettura tal-mobile u kien rrizulta li kienu PC 573 u PC 686. Dawn minn naha taghhom ghamlu okkorrenza li fiha ddikjaraw li dakinhar kienu nnutaw xi bollards imkissrin. Jghid illi dawn infurmaw lil Pulizija tad-distrett u li fl-istess hin kienu raw pick up li kellu daqqa fuq quddiem.

Jghid illi hu kien kellem lil Saviour Vella nhar it-18 t'April fejn hadlu stqarrija wara li kien tah is-solita twissija u meta kien saqsih x'vetturi ghandu dan wiegbu li kellu pick up u x-xhud mill-istqarrija kkonkluda li l-pick up dak iz-zmien vera kellu daqqa fuq quddiem. Huwa esebixxa din l-istqarrija li giet immarkata bhala **DOK KJF1.** Huwa gharaf l-imputat li ghazel li jiffirma l-istqarrija kif ukoll il-firma tieghu u tax-xhud PC 169 Victor Jones.

Ix-xhud iddikjara illi wara li lahaq ghadda ftit taz-zmien iehor minn dan l-incident, kellu rapport iehor minghand l-istess Giovanni Camilleri fejn din id-darba nhar it-12 ta' Gunju 2008 kien irraporta vandalizmu. Spjega illi kellu *no parking sign* imwahhla ma' hajt li skond s-sur Giovanni Camilleri huwa responsabbli ghalih hu u qallu li l-imputat din id-darba deher jaqla' dan is-sinjal tan-No Parking minn mal-hajt. Hawnhekk ix-xhud kien hadlu stqarrija ohra li giet immarkata bhala **DOK JKF2.** F'din l-istqarrija l-imputat ammetta li hu kien responsabbli ghal qlugh tas-sinjal *no parking* minn mal-hajt u li kien kisser il-bollard imsemmija qabel. Stqarr illi l-imputat kien ammetta li kien kissirhom bil-*pick up* tieghu stess. Ammetta wkoll li kien hu li qala' n-*no parking signs*. Jghid illi l-imputat kien ammetta l-incident mieghu izda kien qallu ukoll li fejn kienu dawn l-affarijiet ma kinitx propjeta' ta' min ghamel ir-rapport u cioe' tas-Sur Giovanni Camilleri. Jghid illi l-MEPA kienet tat xi ordnijiet li sal-lum il-gurnata ghadhom ma gewx ezegwiti.

In kontro-ezami jghid illi meta kien gara l-incident hu ma kienx mar fuq il-post tal-incident ghaliex kien qieghed rikoverat u ghalhekk ma kienx xoghol. Jghid illi hu kien dahal fil-kaz meta kien ircieva struzzjonijiet biex jinvestiga dan il-kaz. Jghid illi mir-ritratti li kien urih Giovanni Camilleri, l-bollards jidhru li kienu imwahlin fil-propjeta' tieghu.

Qal li kellu l-hsieb illi aktar 'l quddiem jtella' wkoll rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Gvern biex jikkonfermaw verament l-art ta' min hi. Jghid pero' illi fiz-zmien tal-investigazzjoni ix-xhud kien konvint li l-art kienet tal-kwerelant. Jghid illi hemm hafna kawzi ghaddejin u ordnijiet hergin minn zmien ghal zmien. Qal li meta kien ser iharrek lil Giovanni Camilleri biex jixhed kien ser jitolbu sabiex jipprezenta  xi dokumenti biex jikkonferma li l-art hija tieghu. Jghid illi l-bollards ma kinux imwahlin fit-triq izda go targa kbira li kienet tkompli mal-kumplament tat-tarag ta' showroom fejn jidher li l-madum kien maghmul mill-istess madum tat-tarag tas-showroom.

**PS 321 Alan La Grasta** xehed fit-2 ta' Settembru, 2008 fejn esebixxa zewg okkorenzi li jirrigwardjaw  dan l-kaz li gew immarkati bhala DOK ALG 1 u bhala DOK ALG 2, it-tnejn iffirmati minnu.

**PC 686 Mario Galea** xehed fil-25 ta' Novembru 2008 fejn meta gie muri DOK. ALG 1 li hija okkorrenza tal-Pulizija li tinsab minn fol 19 sa 20 tal-process, spjega illi fil-5 ta' Jannar huma kienu qed jaghmlu ronda u mieghu kien hemm PC 573 bil-karozza tas-servizz. Jghid illi l-vettura ghandha n-numru GVP520, hija vettura Mike 66 voldieri M66. Jghid illi huma kienu qeghdin gewwa Triq il-Mosta, Hal Lija, lejn id-direzzjoni ta' B'kara. Jghid

illi huma kienu nizlien lejn ic-cimiterju xhin raw *bollards* maqlughin hdejn l-istabbiliment ta' Soap and Spunge.

Jghid illi hu aktar qabel ra Pick up ta' kulur griz skur u li kellu daqqa fuq in-naha tax-xufier hdejn il-mudgard hdejn il-fanal. Jghid illi meta raw il-bollards huma waqfu u stennew tad-distrett jigu. Jghid illi l-okkorrenza li ghamlu giet esebita u mmarkata **DOK. MGP 1** u ffirmata minnu.

**PC 573 Paul Camilleri** xehed fil-25 ta' Novembru, 2008 u meta gie muri DOK. MPG 1 ikkonferma li din hija okkorrenza tal-Pulizija maghmula minnu u minn PC 686 u kkonferma l-kontenut kollu taghha. Jghid illi fid-data tal-5 ta' Jannar 2008 hu u l-kollega tieghu nnutaw van pick up wieqaf quddiem l-istabbiliment ta' Soap and Sponge u dan fit-triq il-Mosta, Lija. Huma baqghu nizlin lejn ic-cimiterju u meta regghu telghu raw il-bollards maqlughin u l-van ma kienx ghadu hemmhekk. Huma avzaw il-*control room* u dan kien ghal habta tad-9:10 ta' filghaxija. Imbaghad ghal habta ta' 9:45 waslu tad-distrett u tawhom handing over tal-kaz.

**Andre' Camilleri** xehed fil-25 ta' Novembru, 2008 huwa jahdem fl-istabbiliment bl-isem S&S Bathrooms li qabel kien maghruf bhala Soap and Sponge u li jappartjeni lil missieru. Huwa esebixxa CD li gie mmarkat bhala DOK. ACC1, li tirigwarda d-data tat-12 ta' Gunju 2008 u CD ohra mmarkata bhala **ACC2** li tirrigwarda incident li sehh fil- 5 ta' Jannar 2008. Jghid illi dawn iz-zewg CD's nizzilhom hu personalment mis-sistema taghhom tac-CCTV ta' S&S Bathrooms. Dawn il-cameras jinsabu barra ta' l-istabiliment taghhom.

**Joseph Genovese** xehed fil-25 ta' Novembru, 2008 fejn iddikjara li hu principal fil-Land Public Registry. Jghid illi gie mitlub sabiex jesebixxi kuntratt maghmul fis-26 ta' Marzu, 1986, fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Vella li fih hadu sehem diversi nies inkluz Anglu Zahra. Jghid illi hu mhux f'pozizzjoni li jesebixxi kopja ta' dan il-kuntratt stante li l-informazzjoni li nghata ma kinitx sufficjenti.

**Giovanni Camilleri** xehed fil-25 ta' Novembru, 2008 u qal illi hu ghandu showroom li jisimha S&S Bathrooms u tinsab gewwa Hal Lija li qabel kienet maghrufa bhala Soap and Sponge Bathrooms. Jghid illi fil-5 ta' Jannar 2008 kien hemm 5 bollards quddiem l-istabbiliment tieghu u tlieta minn dawn il-bollards imwahhlin gew maqlughin u mkissrin. Jghid illi qabel din l-okkazzjoni kien diga' kellu *bollards* maqlughin u l-imputat kien ammetta li kien qalaghhom hu u ghalhekk hu rega' ssuspetta fih fit-tieni okkazjoni. Jghid illi hu ghandu sistema ta' CCTV cameras barra mal-istabiliment tieghu.

Jghid illi fil-filmat tal-5 ta' Jannar 2008 kien jidher pick up ghalkemm mhux car ghax kien id-dlam u illi jidhru zewg vetturi tal-Pulizija wkoll. Jghid illi l-bollards li gew imkissra jinsabu fil-propjeta' tieghu. Huwa esebixxa kuntratt li gie mmarkat bhala **DOK GCP1** u anness mieghu hemm pjanta. Seduta stante mmarka bl-ahmar fejn kienu l-bollards qabel ma gew imkisra. Jghid illi hu kien staqsa lil Transport Malta jekk kellux bzonn permess biex jwahhalhom u dawn qalulu li le u rigward dan esebixxa zewg dokumenti li gew mmarkati bhala **DOK GCP 2 u DOK GCP3** li huma vera kopja ta' invoice u ta'rcevuta dwar l-valur tal-*bollards*. Jghid illi **DOK GCP 4** hija invoice bil-valur ta' kemm halsu biex giet imsewwija din il-hsara. **DOK GCP 5** hija kopja tal-kuntratt fejn turi x-xiri da parti tal-imputat tal-propjeta' adjacenti ghall-istabbiliment tieghu. Jghid illi fil-pjanta annessa mal-

imsemmi kuntratt dawn il-bollards ma jidhrux. Rigward dan jghid illi l-linji li hemm maqtughin f'din il-pjanta u precizament il-parti fil-genb ta' l-istess pjanta, tibda l-propjeta' tieghu. Huwa ghamel marka hamra fejn indika fejn tibda l-propjeta' tieghu.

Rigward l-incident tal-12 ta' Gunju 2008, ix-xhud kien ghamel rapport lill-Pulizija u spjega illi huwa kellu *no parking* sign quddiem il-propjeta' tieghu u ghal habta tas-6:15 waqt li kien qieghed jhares mill-monitor ra lill- imputat diehel fil-propjeta' tieghu bil-mercedes tieghu u b'idejh qala' din l-*istop sign*, ramiha u kissirha. Jghid illi l-valur ta' din l-istop sign huwa ta' hamsin (50) Lira Maltin.

Ix-xhud immarka cirku b'salib go fih fuq il-pjanta anness mad-Dok GCP1 l-area fejn kien hemm dan in-*no parking sign.*

**Charles Debattista** xehed fit-2 ta' Marzu, 2009 u ddikjara li jokkupa l-kariga ta' Senior Enforcement Officer fid-Direct Action Team tal-MEPA. Jghid illi sabiex xi hadd ikun jista' jwiegeb ta' min hi l-propjeta', din il-mistoqsija trid tigi mistoqsija lil Ivor Robinich, rapprezentant legali fil-Legal Office tal-MEPA u in kwantu ghat-toroq, l-persuna idoneja hija Victor Borg Fiorentino tal-Planning Control tal-MEPA u dan dwar is-*setting out* tat-toroq u propjeta'.

In kontro-ezami jghid illi x-xoghol tieghu jirrigwarda enforcement u jghid illi fuq il-propjeta' tas-Sur Camilleri fi Triq il-Mosta, Lija hemm tlett enforcement notices mahrugin mill-MEPA mahrugin fit-13 ta' Novembru 1995 bin-numru ECF/1136/95 fuq l-ismijiet Edgar Camilleri, John Camilleri

u John Camilleri fil-kapacita' ta' Direttur ta' Soap and Sponge Limited. Dawn hargu fuq Soap & Sponge Warehouse, Triq Gdida fi Triq Mosta, Lija.

L-akkuza kienet tghid dak iz-zmien li kien hemm zvilupp konsistenti fi pjattaforma/ paviment tal-konkos li qed jisporgi 'l barra mill-linja ufficjali. Jghid illi mill-file jidher illi dawn ta' Camilleri ssottometew appell li gie deciz fil-11 ta' Mejju 1998 fejn il-bord ikkonforma l-hrug ta' enforcement notices. Jghid illi fil-file hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell Nru 135/1998 fl-ismijiet '**Edgar Camilleri vs. Kummissjoni dwar il-kontroll tal-Izvilupp'** datata 6 ta' Ottubru, 2000. Jghid illi l-Qorti cahdet l-appell li kien ghamel Edgar Camilleri.

Jghid illi hu kien mar fuq il-post f'Settembru ta' qabel izda ma jafx li kien hemm xi *bollards* ghaliex ir-rapport ma kienx fuq hekk. Jghid illi mit-tahrika lanqas biss kien jaf fuq x'hiex kellu jixhed, izda peress li normalment hu jtella' l-file meta jkun ser jixhed, din id-darba ghamel l-istess. Jghid illi qabel l-11 ta' Awwissu 2008 lill-imputat qatt ma kien rah l. Izda dakinhar meta kien mar fuq il-post l-imputat kien saqsih x'ser jigri bid-*direct action.*

Jghid illi hu kien qallu li verament kien hemm direct action, u li din tinsab fil-file, izda ma tahx iktar informazzjoni minn hekk.

**Charles Debattista rega** xehed fil-21 ta' Ottubru, 2009 in rapprezentanza tal-MEPA u qal illi hu gie mitlub mill-Prosekuzzjoni biex jindika ownership ta' art li qeghda f'Mosta Road, Lija u ghandu nota li din tirrigwardja zona ta' S&S Bathrooms PS Bulidings, Triq il-Mosta Lija. Iddikjara illi huma bhala Awtorita' ma jkunux jafu l-ownership ghaldaqstant m'humiex f'pozizzjoni li

jaghtu informazzjoni mitluba mill-prosekuzzjoni. Jghid illi l-kwalifika tieghu hija Senior Enforcement Officer.

**Dr Claude Sapiano LL.D.** xehed fil-21 ta' Ottubru, 2009 in rapprezentanza tar-Registru tal-Artijiet. Mitlub mill-Prosekuzzjoni biex jindika l-ownership ta' art sitwata Mosta Road, Lija fiz-zona ta' S&S Bathrooms u B&S Limited, jghid li huma m'ghandhom l-ebda informazzjoni dwar din l-art stante li r-Registru taghhom jkollu informazzjoni dwar art li hija rregistrata. Jghid illi din l-art li giet riferuta lilhom ghal informazzjoni mill-Prosekuzzjoni mhix registrata. Jghid illi huma ghamlu l-verifiki taghhom u jidher li mhix registrata ghalhekk ma jistghux jaghtu informazzjoni.

**Giovanni Camilleri** rega' xehed fil-21 ta' Ottubru, 2009 u esebixxa kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dr. Nicolette Vella datat 8 ta' Dicembru 1986 li gie mmarkat bhala **DOK GSP1** fejn hu u huh Edgar Camilleri kienu xtraw numru ta' plots minn numru Plot 9 sa Plot 16 gewwa  Hal Lija. Jghid illi flimkien ma' dan il-kuntratt hemm ukoll is-site plan.  Huwa esebixxa ukoll kuntratt datat 8 ta' Gunju tas-sena 2005 li gie markat bhala **DOK GSP2** fejn l-imputat Saviour Vella kien biegh l-area li hemm in kontestazzjoni liema kuntratt sar quddiem in-Nutar Dr. Tonio Spiteri.

**PC 169 Victor Jones** xehed fil-15 ta' Frar, 2011u kkonferma id- dokument DOK. KJF 1 li jinsab minn fol tlettax 13 sa fol 14 tal- Process bhala l-istqarrija li rrilaxja  l-imputat  wara li nghata is-solita twissija. Huwa gharaf il-firma tieghu kif ukoll tal-imputat li ghazel li jiffirma l-istess stqarrija.

**PS 839 Stephen Micallef** xehed fil-15 ta' Frar, 2011 u b'referenza ghad-dokument markat  DOK . KJF 2 li jinsab a fol 15 u 16 tal-process qal li din

hija l-istqarrija tal-imputat Saviour Vella prezenti fl-Awla. Ikkonferma li l-imputat kien inghata t-twissija skont il-ligi, kien irrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju u gharaf l-firma tieghu, dik ta' l-allura Spettur Kevin J Farrugia kif ukoll dik ta' Saviour Vella fejn ghazel li jiffirma din l-istqarrija u dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

**Andrew Vassallo** xehed fil-15 ta' Frar 2011 u muri l-ircevuta li tinsab a fol hamsin (50) tal-process ikkonferma li dik harget mill-ufficju tieghu. Jghid illi din hija rcevuta fiskali datata 19 ta' Dicembru 2007 fl-ammont ta' mija, tmienja u tmenin lira Malta u disgha u tletin centemzu (Lm188.39). Jghid illi din l-ircevuta harget lis-socjeta' S&S Bathroom. Il-bejgh kien dwar erba' bollards.

Ikkonferma illi DOK. DCP3 hija l- invoice li hargu rigward l-bejgh ta' erba' 4 bollards li jissemmghu fuq l-istess dokument li jinsab a fol wiehed u hamsin (51) tal-process, hemm ukoll ic-cekk number li bih hu kien thallas li huwa cekk number HSBC 3434. Il-kont totali li thallas kien ta' erba' mija, tmienja u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€438.82) ekwivalenti ghal mija, tmienja u tmenin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm188.39).

In kontro-ezami jghid illi jidhirlu li s-socjeta' S&S Bathrooms kienet kkuntattjatu biex tara jistax jaghmel tiswija fuq xi *bollards* pero' hawn hekk jixtieq jispecifika illi l-invoice kienet tirigwarda bejgh. Jghid illi ma kienx hemm indikat prezz dwar installazzjoni jew riparazzjoni fuq din l-istess invoice. Jghid ukoll illi minn verifiki li ghamel ma jidhirx illi kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn biegh *bollards* lis-socjeta' S&S Bathrooms.

**Spettur Kevin J. Farrugia** xehed fis-27 ta' Settembru, 2012 u esebixxa zewg ritratti kif ukoll *bollard* li kien ipprezentahomlu Giovanni Camilleri. Jghid illi dawn ir-ritratti gew immarkati bhala **Dok SN1** u **DokSN2**, u l-bollard gie markat bhala **Dok SN3**.

**Martin Bajada** xehed fis-16 ta' Jannar, 2013 u kkonferma li kien gie nominat mill-Qorti bid-digriet tal-15 ta' Frar 2011 sabiex johrog stills minn fuq id-**Doks ACC1 u ACC2.** Huwa pprezenta dawn l-istills u ta kopja lil partijiet. Ir-relazzjoni tieghu giet markata bhala **Dok BM1.**

**Giovanni Camilleri** rega' xehed fis-16 ta' Jannar, 2013 u kkonferma li fir-ritratti **DOK.SN1 u DOK SN2** ra bollards imkissrin. Jghid illi dawn ir-ritratti gew imnizla mis-CCTV camera. Rigward **DOK BM1** jghid illi f'dan ir-ritratt qieghed jara l-karozza ta' l-imputat quddiem l-entratura tas-showroom. Rigward **DOK ACC1** u **ACC3** jghid illi hemm il-karozza ta' l-imputat hdejn in-*no parking sign* u qieghed jkissirha. Jghid illi din kienu wahluha huma stess u li kienet imwahla mal-gebel qisu *fence.* Rigward id-dokument **ACC5** l-imputat qed jidher jaqla' n-*no parking sign*. Rigward id-dokument **ACC2** jghid illi ma tantx qieghed jgharaf sew il-lokazzjoni.

In kontro-ezami, jghid illi l-bollards li tkissru gew esebiti l-Qorti. Jghid illi Camilleri kien gab wahda minnhom u din giet esebita l-Qorti u tnejn ohra hadhom l-ghassa. Jghid illi hu rega' xtara minnhom u llum qeghdin imwahlin f'posthom. Jghid illi dawn kienu mwahlin fit-triq taht it-tarag ezatti.

L-imputat xehed f'dawn il-proceduri u irrilaxja zewg stqarrijiet li gew esebiti fl-atti tal-process.

L-imputat Saviour Vella rrilaxja l-ewwel stqarrija nhar it-18 ta' April, 2008 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol.13 mmarkata bhala Dok KJF 1. L-imputat jghid illi hu direttur ta' kumpanija u ghandu l-bini tieghu Mosta Road, Lija, liema ufficini jinsabu mikrija lil terzi. Jghid illi l-kumpanija jisimha 'Bathroom Styles' u l-binja jisimha BS Buildings.

Jghid illi hu ghandu vettura numru ta' registrazzjoni GBD 662 tal-ghamla Toyota Pick Up, 4 door ta' lewn griz skur. Jghid illi hu ghandu wkoll Mercedez bajda b'numru ta' registrazzjoni SMT 320. Jghid illi l-pick up kulhadd isuqu anka martu Pauline Vella u ibnu l-kbir Matthew Vella.

Mistoqsi kemm ilu ma jersaq B'Kara hdejn il-venda jghid li zmien twil, Jghid li l-Pick up ma ilux ma hadu ghal-ispray il-gimgha ta' qabel. Jghid illi l-van kien milqut minghand it-tifel tieghu u hemm rapport ghand il-wardens. Din il-hsara kienet fuq il-mudguard tal-lemin u l-bumper.

Jghid illi fis-sena 2007 ukoll kien hemm xi hsarat u dawn kienu fiz-zewg mudguards ta' quddiem u l-bumper ukoll. Jghid illi dawn gew irrangati xi Frar 2008 ghand Maurice Garage Hal Tarxien. Jghid illi din il-hsara giet kagunata f'incident San Pawl u li wkoll hemm rapport ghand il-wardens. Jghid illi normalment hu jdum xoghol sas-sebgha jew it-tmienja ta' filghaxija u li dik il-gimgha mhux dejjem hu kien qieghed juza l-pick up, kien hemm hinijiet fejn kienet qed tuzah martu biex tmur tigbor xi ghamara minn Naxxar. Jghid u jikkonferma illi hu ma kienx lejn B'Kara dik il-gimgha.

**Saviour Vella** irrilaxja t-tieni stqarrija li giet immarkata bhala Dok KJF 2 (fol. 15) nhar it-12 ta' Gunju 2008. Jghid illi l-karozzi li kien semma'

ghadhom ghandu. Mistoqsi ghala kien qala n-*No Parking sign* li kien hemm imwahhal u ramih fejn jidher fis-CCTV cameras jghid illi hu jinsab mugugh u ilu jbaghti hafna ingustizzji tal-awtorijtajiet li mhux jiehdu azzjoni skond decizjonijiet diga' mehuda. Jghid illi minhabba dak in-no parking sign hu tilef l-klijent ghaliex in-nies jaqtghu qalbhom meta jigu biex jikru l-ufficju meta jaraw dawk it-tabelli.

Jghid illi ma jiftakarx x'hin kien imma forsi kienu s-sitta. Jghid illi meta mar kien wahdu. Jghid illi hu ghamel hekk ghaliex ilu jsofri ingustizzji. Mistoqsi jaf jekk rawhx il-Pulizija jghid illi x'hin ghadda minn hdejn Kinds ra karozza tal-Pulizija. Mistoqsi hux ser jerga' jaqlahom issa li regghu twehlu ghid illi kieku ried jaghmel hekk, diga' ghamilha.

**L-imputat Saviour Vella** xehed nhar id-9 ta' Lulju 2015 u spjega li ma genb l-proprjeta' tieghu maghrufa BS Buildings hemm trejqa fejn hemm showroom ohra maghrufa bhala S&S u dawn fi triq hija wahda skedata mill-MEPA u ilha hekk skedata sa mis-sena 1999. Hemm access ghal zewg showrooms minnhom kif ukoll minn terzi persuni. Maz-zmien inqalghu xi problemi rigwardanti din it-trejqa bejnu u bejn is-sidien tal-S&S u dan ghaliex ighid li d-dirigenti tas-socjeta' S&S kienu pretendew li huma s-sidien ta' erbatax-il pied ta' din it-triq u bnew xi hajt u kienu sofrew xi danni tant li rebhu kawza mill-Appell a bazi ta' tali azzjoni. Il-Qorti tal-Appell kienet sahansitra anke ordnatilhom biex iwaqqghu il-hajt li kienu bnew u hekk ghamlu pero' baqghu ghaddejjin bix-xoghol tant li ghamel xi sinjali mal-art sabiex jiddelineja il-parti tieghu. Anke wehhel xi bollards mal-art. Illum pero' l-problemi spiccaw u l-MEPA talbitu jaqla' il-bollards u jaghmel il-konkos sabiex it-triq tigi wahda u hekk kien ghamel is-Sur Camilleri.

Huwa esebixxa zewg ritratti li jindikaw it-triq kif inhi llum. Dawn iz-zewg ritratti gew immarkati bhala Dok BS1 u BS2. It-triq bejn dawn iz-zewg showrooms hija wiesgha 34 pied u dan minn binja ghal binja. Wara l-intervent illum it-trejqa hi wiesgha 28 piedi.

Jghid li huwa kien kiteb lill-MEPA fuq dak li kien qed jaghmel is-Sur Camilleri u kien hemm hafna proceduri kemm il-Qorti kif ukoll quddiem il-MEPA.

Dwar il-jum tal-incident ighid li jiftakar li kien hemm tabella ta' No parking li kien qala u esebixxa ritratt taghha li gie mmarkat bhala Dok PAS 3 u ammetta ukoll li kien qala zewg bollards u ritratt taghhom gie esebit u mmarkat bhala Dok BS4. Qal li minkejja li kien qalaghhom hallihom mal-art mal-hgieg, tant li l-ghada rega' wahhalhomn u ma regghax rahom. Huwa esebixxa ukoll ritratt iehor li gie mmarkat bhala Dok BS5 li jindika l-hajt li kien bena is-sur Camilleri u kkonferma li l-bollards kienu twahlu mis-sur Camilleri jew l-impjegati tieghu. Qal li s-sur Camilleri kien qallu li kien wehhilhom f'dik il-parti tat-triq li minghalih kienet tieghu pero' fil-fehma tieghu dawn kienu imwahla fil-parti pubblika tat-triq.

Iddikjara li huwa minnu li s-Sur Camilleri gie liberat mill-kawza ta' pretended rights quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Pero' kien hemm enforcement notice mill-MEPA. Huwa kkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja li tinsab inserita a fol. 13 fl-intier taghha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-2 ta Frar 2016 fejn il-partijeit irremettu ruhhom ghall-atti processwali u talbu li tignahta sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa akkuzat principalment b'erbgha akkuzi - tnejn dwar hsara volontarja, wahda fuq raggion fattasi u l-ahhar akkuza fuq vjolazzjoni ta' proprjeta'.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex, kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890**:

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina x-xhieda w il-provi prodotti, sabiex tara jekk l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Prosekuzzjoni, gewx ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Sabiex tipprova l-akkuzi taghha dwar hsara volontarja, il-Prosekuzzjoni trid tipprova fl-ewwel lok li effettivament kien hemm hsara u fit-tieni lok trid tipprova l-quantum tal-hsara stante li l-legislatur jaqsam dan l-Artikolu f'diversi sub-artikoli li l-piena taghhom f'kaz ta' htija hija bazata fuq il-quantum bhala valur li talvolta tigi kagunata bl-agir volontarju tal-akkuzat.

Fl-ewwel lok l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat li kkaguna hsara volontarja nhar il-5 ta' Jannar 2008 ghall-habta ta' 21.20 p.m. fi Triq il-Mosta, Lija li ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli konsistenti f'bollards proprjeta' ta'

Giovanni Camilleri, liema hsara fil-fehma tal-prosekuzzjoni ma kinitx tiskorri is-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Illi ma hemmx dubbju u dan ghaliex jirrizulta mix-xhieda li ta l-imputat stess fil-pedana tax-xhieda nhar id-9 ta' Lulju 2015 li kien hu li qala zewg bollards li kienu gew imwahhla minn Giovanni Camilleri u dan ghal raguni li fil-fehma tieghu kien qed jitlef in-negozju minhabba fihom. Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel tipprova l-allegat hsara li saret u in segwitu l-ammont qua valur tal-hsara.

Il-Prosekuzjoni ma kellheix ghalfejn tressaq xi prova okulari li effettivament kien l-imputat li qala l-bollards ghaliex l-imputat stess jammetti dan il-fatt ghalkemm jghid li hsara ma kkawzax. Il-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud dwar il-hsara lil Andrew Vassallo jixhed u jikkonferma li Giovanni Camilleri kien xtara numru ta' bollards b'octagonal base fl-ammont ta' €188.39 u bhala fatt dan mhux in disputa ghaliex fl-atti hemm esebit l-invoice relattiv ghal tali bejgh Dok GCP 3 u l-VAT receipt f'isem S&S Bathrooms a fol 50 fl-istess ammont. Mistoqsi jekk effettivament dan l-ammont jirriflettix xi hsara jew reparazzjoni wiegeb fin-negattiv u jghid li dan hu l-valur tal-bollards meta nxtraw godda f'Novembru 2007. Illi ghalhekk l-prosekuzzjoni naqset li tipprova li kien hemm hsara fil-bollard u fit-tieni lok jekk kien hemm, kemm kien il-valur ta' tali hsara. Ghalhekk tali akkuza ma tistax tirrizulta minkejja li gie provat li kien l-imputat li qala' l-bollards.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkzuat talli bla hsieb li jisraq izda billi jezercita dritt li jippretendi li ghandu qabad u nehha 'no parking sign' li kien hemm

imwahla mal-hajt ta' Giovanni Camilleri u dan meta ma kellux l-ebda dritt li jaghmel dan ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex ikun hemm r-reat ta' *raggion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap 9, ghandhom jikkonkorru s-segwenti elementi kollha u cioe':

1. att estern li jispolja lil xi hadd minn haga li jkun qed jgawdi, liema att ikun gie esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta ta' dan il-haddiehor;

2. it-twemmin li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;

3. il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika (jew fi kliem il-**Crivellari** - Codice Penale per il-Regno d'Italia interpretato ecc Torino 1895, vol vi - pg. 749)

   "*la persuazione di fare da se' cio che dovrebbe farsi reclamando l'opera del magistrato*"

4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara fost diversi sentenzi: **Il-'Pulizija v Salvatore Farrugia'** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax ta' Dicembru, 1957,*** Vol XLI - IV -1506, '**Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Farrugia'** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sbatax ta' Frar, 1995,* '**Il-Pulizija vs Carmelo Ciantar'** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Novembru, 1996,* **'Il-Pulizija v John Portanier'** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgha w ghoxrin ta' April, 1998,* u '**Il-Pulizija v Nazzareno Gauci'** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta ta' Frar,1998.*)

Biex l-imputat jinstab hati ta' din l-akkuza, il-Prosekuzzjoni trid tipporva li dak li hu ghamel ghamlu biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu. Id-

dicitura tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 hija wahda cara hafna u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil hu ta' liema natura hu, anke fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Simon Briffa',** anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lil persuni koncernati.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Borg Inguanez** tad-disgha ta' Marzu, 1998, kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali aktar tard**, Il-Pulizija v Mark Anthony Farrugia** deciza fit-tletin ta' Settembru, 1998, kif wkoll kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, **Il-Pulizija v Carmelo Borg et** deciza fis-sebgha ta' Mejju, 1998 u **Il-Pulizija v Mario Cutajar** deciza fl-ghoxrin ta' Mejju, 1998, minn liema sentenzi ma sar l-ebda appell.

Illi ma hemmx dubju li dak li ghamel l-imputat u cioe' li qabad u qala '*no parking sign'* minghajr l-kunsens ta' Giovanni Camilleri avolja haseb li kellu ragun ghaliex kien qed jitlef in-negozju tieghu, jammonta ghal reat ta' *raggion fattasi* kif deskritt fl-**Artikolu 85 tal-Kapitolu 9** u ghalhekk tali akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli kkawza hsarat ghad-detriment ta' Giovanni Camilleri stante li gie allegat li l-imputat gharraq jew kisser in-'no parking sign'. Jinghad li mill-provi prodotti u cioe' mill-ammissjoni tal-imputat stess jirrizulta li verament kien hu li qala' it-tabella ta' 'no parking' bla permess ta' sidha Camilleri pero' minn imkien ma jirrizulta li f'tali agir huwa kkawza xi hsara. Il-Prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud jghid

f'hiex kienet tikkonsisti din l-allegata hsara jew kemm kien il-valur sabiex issewwiet din l-allegata hsara u ghalhekk din it-tielet akkuza ma tirrizultax.

Fir-rigward tar-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta fl-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta maghrufa bhal vjolazzjoni ta' proprjeta'. Jinghad li l-piena ghal din l-akkuza hija dik moghtija f'kull kontravenzjoni ohra u ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni hija dik trimestrali ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad li skond l-akkuza l-allegata kontravenzjoni sehhet fit-12 ta' Gunju 2008 waqt li l-akkuzi hargu fit-13 ta' Awwissu 2008 entro l-perjodu ta' tlett xhur pero' jirrizulta wkoll li l-imputat l-ewwel darba li deher il-Qorti kien fit-2 ta' Settembru 2008 u cioe' ghalhekk qabel il-perjodu ta' tlett xhur previst mill-ligi ghan-notifika tieghu minkejja dak li allega l-istess avukat difensur ta' l-imputat waqt it-trattazzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mix-xhieda tal-imputat stess li verament ghamel vjolazzjoni fil-proprjeta' ta' Giovanni Camilleri meta nehha in-'no parking sign' u nehha zewg bollards u poggihom mal-art. Biex ghamel hekk huwa ivvojla l-proprjeta' mobbli ta' l-istess Camilleri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 85, 325(c) u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat SAVIOUR VELLA hati tat-tieni u raba' akkuza u tikkundannah ihallas mitt ewro (€100) multa dwar it-tieni akkuza u erbghin (40) ewro ammenda dwar ir-raba' akkuza u mhux hati tal-ewwel u t-tielet akkuza u tilliberah minnhom.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**